MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2007

Numru. 945/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Kevin J. Farrugia)**

**v**

**Paul Micallef ta’ 50 sena imwieled gewwa Birkirkara nhar id-9 ta’ Marzu, 1954, bin il-mejjet Anthony u Carmela nee Portelli, residenti gewwa Block D, Flat 1, Triq il-Laqxija, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita’ 257554 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Paul Micallef li gie akkuzat talli nhar il-31 ta’ Ottubru, 2004 ghall-habta tal-5.00 a.m. gewwa Birkirkara:

(1) bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, billi minghjar il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, bi strument li jaqta' u bil-ponta ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra ta' Decklyn Micallef liema hsara tista' ggib periklu tal-hajja jew tad-debulizza permanenti f'parti ta'l-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh, jew ferita li tidhol f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem lieam delitt ma giex ezegwit minhabba xihaga accidentali u ndipendenti mill-volonta' ta' l-imputat,
(2) u aktar talli kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Decklyn Micallef skond kif iccertifika Dr Raymond Borg MD REg. No. 1716 tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta.
(3) Ingurja u hedded b'mod li johrog mil-limiti tal-provokazzjoni lil Carmela Micallef, Deckylin Micallef, Clevion Micallef, Pressede Micallef u Waylon Micallef,
(4) Volontarjament qal kliem oxxen u espressjonijiet ta' dagha fil-pubbliku,
(5) U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika,
(6) F'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu,
(7) Zamm u garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.
(8) li jitqies recidiv b'diversi sentenzi moghtija.

Il-Qorti giet gentilement mitluba wkoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni ta' Carmela Micallef, Deckylin Micallef, Clevion Micallef, Pressede Micallef u Waylon Micallef u torbot l-imputat Paul Micallef b'dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai termini tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-akkuzat wiegeb lima kienx hati ta' l-istess.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali taht liema hemm mahsub li Paul Micallef jista' jinstab hati u cioe:

41, 216, 218, 221, 249, 252, 338 (dd), 338(bb), 533 tal-Kapitlu 9.
13, 19 tal-kapitlu 66.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Dan il-kawza tittratta ta' glieda familjari bejn l-akkuzat li dahal f'daru fil-hinijiet bikrin ta' filghodu u nqalghet glieda bejnu u bejn familtu. F'din il-glieda spicca wegga kemm l-akkuzat kif ukoll ibnu Decklyn.

Irrizulta fil-fatt mir-rapport ta' l-espert forensiku li kemm il-missier, l-akkuzat u l-iben, l-allegat vittma sofrew griehi ta' natura hafifa (vide Dok MS a fol 25-50). Anke t-tobba l-ohra li xehdu fil-kors tal-kawza jikkonfermaw illi l-griehi sofferti minn Decklyn Micalef, ghalkemm ta' natura hafifa, kien maghmula bi strument li jaqta'.

Issa jirrizulta li l-familja ta' l-akkuzat martu, ibnu Decklyn u bintu ghazlu li ma jixhdux viva voce kontra l-akkuzat. Pero' fil-kaz in dizamina fi stadju ta' investigazzjoni x-xhieda giet migbura fil-procedura ta' l-ingenere.

Ghalhekk fl-inkjesta Decklyn xehed li missieru wara argument ghax l-akkuzat kien fis-sakra, attakkah b'sikkina. Dan huwa wkoll korroborat minn dak li xehdu hutu Clevion, Waylon, Pressede u ommu allura mart l-akkuzat, Carmen Micallef.

Min-naha tieghu, l-akkuzat kemm fl-istqarrija kif ukoll viva voce jichad l-intenzjoni li hu jwegga lil ibnu anzi jghid illi s-sikkina hu qabadha mill-manku. Stranament l-akkuzat lanqas huwa ammettenti tal-fatt li huwa ghandu problema tal-alkohol.

Issa l-problemi li l-akkuzat ghandu fil-konfront ta' l-alkohol ghalkemm mhux minnu ammessa tirrizulta ben cara mix-

xhieda ta'ufficjali addetti mal-agenzija Sedqa. Fil-fatt gie rraportat il-progress li l-akkuzat ghamel f'dan ir-rigward.

Hija fil-fatt din il-problema tal-alkohol li fi zmien l-incident, fil-fehma tal-Qorti geghlet lil dan il-missier li jattakka lil ibnu b'sikkina. Frankament il-Qorit xejn ma hija kredenti tal-fatt li hu, cioe l-akkuzat, qabad is-sikkina mill-manka u aktar u aktar mill-verzjoni li ta waqt l-inkjesta li ibnu spicca wegggha meta t-tfal jew il-mara waqt it-taqbida hadulu s-sikkina minn diu u kienu hum ali ferew lil Decklyn. Li jista' jghid fic-car l-akkuzat illi gietu tajba illi ma weggghax lil ibnu b'mod aktar serju. Fil-fatt hija l-fehma ta' din il-qorti li ma ghamillu, anke mill-uzu ta' strument li jaqta', u anke ghax kif ammetta hu stess kien irrabjat, ried fil-fatt jikkrea griehi ta' natura serja fuq il-persuna ta' ibnu. Fil-fatt dan ma sehhx mhux ghax zamm lura hu, pero' ghax gie mizmum minn martu u uliedu.

Per parentesi, kontrarjament ghal dak li ssottomettiet id-Difiza, Decklyn Micallef wara li xehed fl-inkjesta u pprezentat d-debita kwerela biex jittiehdu pass kontra l-akkuzat, vide kwerela a fol 90 Dok DM1 u hu qatt ma rtira l-istess, dan fil-konfront tar-rizultat tal-griehi minnu sofferti, ghalkemm il-Qorti hija konvinta li l-intenzjoni ta' l-akkuzat kienet aktar gravi. Fil-fatt l-uniku fatt li ghamel Decklyn kien li jaghzelli ma jixhidx kontra missieru, pero' mhux li rtira l-kwerela.

Punt iehor li ghandu jigi sollevat hija z-zieda tar-recidiva li saret fis-seduta tal-10 ta' Novembru, 2004 (fol 7). F'dan ir-rigward fil-fatt il-Prosekuzzjoni esebiet diversi sentenzi li minnhom giet ezentata mid-Difiza li ttella' l-prova tal-identita'. Pero' ebda artikolu fil-konfront tar-recidiva ma gie addebitat mill-Avukat Generali lill-akkuzat fl-artikoli minnu mibghuta ghaldaqstant ebda htija ma tista' tinstab f'dan il-konfront.

Fil-bqija pero' din il-qorti ssib lil Paul Micallef hati ta' l-akkuzi lilu addebitati u dan wara li rat l-artikoli 41, 216, 218, 221 tal-Kapitlu 9 u l-artikolu 13 u 19 tal-Kapitlu 66.

Tilliberah mill-akkuzi addebitati taht l-artikoli 249 u 252 ghax frankament, fil-kaz in dizamina qatt ma ccentaw u certament mhux pruvati.

Dwar il-piena rat il-fedina penali, rat u semghet illi Paul Micallef ghandu problema ta’ abbuz ta’ alkohol li pero’ donnu rnexxielu jikkontrolla. Illi tenut kont ta’ dan kollu anke tal-progress li hu ghamel mas-Sedqa b’mod pozittiv, tenut kont li hu ma giex misjub recidiv, qeghda tikkundannah ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitlu 9. Qeghda tqeghdu wkoll taht ordni ta’ supervizjoni ghal zmien sena mil-llum wara li rat l-artikolu 28H tal-Kapitlu 9 u dan taht l-Ufficjal tal-Probation Trevor Calafato.

B’dan illi Paul Micallef ghandu jsegwi b’mod skrupluz kull direttiva lilu moghtija mill-Ufficjal tal-Probation b’mod partikolari izda mhux esklussiv in kwantu si tratta l-problema tal-vizzju ta’ xorb. Huwa ghalhekk ghandu jkompli jsegwi kull direttiva lilu moghtija mill-agenzija Sedqa jew agenzija ohra lilu suggerita appozitament.

Tordna wkoll il-konfiska tas-sikkina gia esebita.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------